MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Numru 106/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Mark Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Mark Pace ta' 32 sena bin Anthony u Giovanna nee' Azzopardi imwieled Pieta' u fil-prezent detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur ta' karta ta' identita numru 8770(M) akkuzat talli:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u

minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqisma ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bil-ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101, tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali esklussiv tieghu;

3. sar recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni u l-kontro'ordni tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi huwa wisq car li l-htija o meno tal-imputat tiddependi unikament u esklussivament fuq ix-xhud, Gaston Caruana, li jirrizulta li kien ta' suspett lill-Pulizija, meta kien qieghed jigi interrogat, li d-droga li kienet instabet fuq il-persuna tieghu u li kienet tammonta ghal xi tlett grammi eroina, kien akkwistaha minghand l-imputat. Issa x-xhieda ta' l-imsemmi Gaston Caruana, registrata viva voce quddiem din il-Qorti, hi dik li hi. Fiha cahad konsistentement li l-persuna li fornitu bid-droga kien l-imputat. Dwar dan kien kategoriku u din il-Qorti ma sabet ebda raguni valida li ma temmnux. Il-Qorti mhux biss evalwat ix-xhieda ta' dan ix-xhud, izda ezaminat minuzjosament ix-xhieda kollha li giet fornita mill-prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma ssib xejn li jista' ragjonevolment iwassal ghall-konvicju tal-imputat. Jistghu semmai l-provi iwasslu ghall-bosta kongetturi u supposizzjonijiet izda kif inhu rikonoxxut il-htija ma tistax tigi bbazata fuq kongetturi u lanqas supposizzjonijiet. Tehtieg il-prova univoka u f'dan il-kaz din hija nieqsa b'tali mod li d-dubbju invarjabilment ghandu jibbenefika l-imputat.

Illi inghad dan il-Qorti ma thoss li ghandha ghalfejn tiddilunga oltre ghajr li tinnota li l-imputat ukoll cahad mill-bidunett l-akkuzi li gew rivolti kontra tieghu u xejn ma jimporta li ma xehedx f'dawn il-proceduri.

Ghalhekk tiddecidi li, stante li l-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova l-kaz taghha sal grad minnha mistenni fil-ligi, billi konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena, u dana fir-rigward l-akkuzi kollha kontrih dedotti, billi huwa altru car li, f'dan il-kaz, l-ahhar zewg akkuzi huma interament dipendenti fuq l-ewwel.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------